Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 16**

**IL-HAMIS 3 TA' MARZU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI SINDKU – 5.35PM |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 6.00PM |

Il-Kunsillier A. Curmi talab sabiex jkun skuzat minhabba li kellu mpneji importanti ohra.

**Is-Sindku qal it-talba.**

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduti Nru.13, 14 u 15 gew approvati hekk kif emendati, Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

**II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI**

**1.** Il-Kunsillier M. Miceli rega' rrefera ghall-abbuzi mis-sistema tal-one way fi Triq il-Hemel li qed issiru ta' kuljum f' kull hin tal-gurnata. Huwa nforma li jekk dan se jibqa' jsehh, f'xi hin se jsir accident gravi. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jerga' jaghmel kuntatt ma' l-Agenzija tal-gwardjan lokali sabiex dawn jziedu s-sorveljanza f' din iz-zona.

**2.** Il-Kunsillier M. Abela nfurmat li ricentament saru t-tibdil neccesarju fuq bankina wiesgha vicin tal-Kappella tal-Madliena jkunu jistghu jipparkjaw vetturi sabiex nkompli naqqsu l-problema tal-parkegg. Hija gie nfurmata li dan it-tibdil gie milqugh tajjeb ferm mir-residenti tal-madwar. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li Transport Malta ma sabux ogezzjoni basta jitnaqqas il-wiesgha tal-bankina.

3. Il-Kunsillier T. Valentino regghet staqsiet jekk kienx hemm xi zvillupi dwar il-website ufficjali tal-kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hekk kif gie rikjest mill-Kunsill fis-seduti precidenti din is-sit tpoggiet "under construction" sabiex hadd ma jkun jista' jaccessa din is-sit minhabba li ma kellix l-ahhar informazzjoni korretta minghar ebda hlas ghal dan it-tibdil. Il-Vici Sindku nforma li huwa qed jikkomunika ma' l-amministratturi ta' din is-sit.

4. Il-Kunsillier P. Fenech staqsa dwar l-andament tal-laqgha li l-Kunsill kellu ma' TM dwar il-progett ta' l-ex Forum Hotel. Is- Sindku rraporta li din il-materja qieghda mnizzla fir-rapport tieghu li se jkun aness ma' dawn il-Minuti – App. A.

Is- Sindku talab sabiex issir sospenzjoni tal-laqgha peress li issa kien hemm prezenti xi residenti li attendew sabiex jressqu l-proposti taghhom dwar l-immanigjar tat-traffiku fiz-zona tal-kumpless il-gdid ta' l-ex Forum Hotel. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-hin kien 6.00pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

*Ir-residenti nfurmaw li jinsabu ferm preokkupati bil-mod ta' kif it-traffiku kollu se jibda' jidhol u johrog f' dan il-kumpless gdid ghal go triq arterjali; kif ukoll il-problema ta' parkegg li se tkompli tizdied b'mod konsiderevoli hekk kif ir-residenti godda kollha jigu jabittaw f'dan il-kumpless. Ghaldaqstant ir-residenti talbu sabiex il-Kunsil jinforma lill-awtoritajiet kkoncernati dwar dawn il-problemi w talbu ukoll sabiex persentagg ta' spazji ta' parkegg f'din iz-zona jsiru bil-hin hekk kif hemm fi Triq ta' l-Ibrag.*

*Ir-residenti li kienu prezenti huma: is- Sur J. Schembri, is-Sur J. Grech u s-Sur D. Satariono.*

Is- Sindku ppropona li terga' tibda l-laqgha. Il-hin kien 6.30pm. Il-Kunsillieri P. Fenech u A. Chetcuti ssekondaw.

**III RAPPORTI MIS-SINDKU**

**1.** Is-Sindku pprezenta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu u l-laqghat li kellu mill-ahhar Seduta sa issa. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

**2.** Huwa spjega fid-dettal, ir-rapport li ressaq fis-Seduta precidenti minhabba li dak in-nhar ma kienx hemm bizzejjed hin allokat sabiex jaghmel dan.

3. Is- Sindku nforma li huwa kellu laqgha ma' CEO tal-kumpanija TCTC li bhalissa qed jorganizzaw korsijiet ghall-anzjani fil-bini tal-Kunsill. Huwa nforma li rcieva talba mill-istess kumpanija sabiex il-Kunsill *jissponsorja* l-lezzjonijiet li jinghataw ghal €1,150.00 ghal kull sena. Saru suggerimenti li l-Kunsill jipprovdi l-post kif ukoll il-porvista ta'dawl ghal dawn il-lezzjonijiet. Dawk prezenti unanimament qablu li jsiru dawn il-korsijiet pero' is- Sindku ssostna li l-ewwel prijorita' ghandha tinghata dejjem lir-residenti tas-Swieqi, Ibrag u Madliena ghal kull kors.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

<u>Mill-Kunsillieri M. Abela</u>

1. Il-Kunsillier infurmat li dwar il-laqgha li hija kellha laqgha mas-Sur A. Haig dwar l-installazzjoni ta' bus-stops godda, ricentament giet infurmata li fil-futur qarib dawn se jkunu installati.

<u>Mill-Kunsillier T. Valentino</u>

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi kommunikazzjoni minn naha tal-MEPA dwar l-ittra li l-Kunsill bghat lil din l-istess entita' dwar it-tibdil li sar fin-North Harbour Local Plan. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sfortunatament s'issa, il-Kunsill ghadu bla ebda *feedback*. Huwa nforma li se jibghat *reminder* dwar din il-materja.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier T. Valentino

2. Il-Kunsillier regghet irreferiet ghax-xoghlijiet ta' twessiegh li se jsiru fit-trejqa ta' Wied Ghomor bejn is-Swieqi u San Gwann u ghalhekk hija talbet sabiex jintbaghat reminder iehor lit-TM dwar il-possibilita' li ssir bankina mqar fuq naha wahda ta' triq minhabba s-sigurta' ta' dawk li jghaddu mit-triq bil-miexi. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan.

3. Hija pprezentat ittra li se tkun anessa ma' dawn il-minutu bhala App. B. Din l-ittra ntbaghtet lill-MEPA nhar id-29 ta' Frar 2016 dwar l-izvillup tal-barriera.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx thallas il-kont pendenti li l-Kunsill kellu ma' l-ARMS relatati ma' provista ta' dawl u ilma tal-bini ta' Centru Civiku ta' snin precidenti. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li dan thallas kollu ghajr xi interessi li fadal. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li se jikkomunika ma' l-ARMS sabiex jivverfika dwar dawn l-interessi.

2. Il-Kunsillier wera x-xewqa li jiltaqa' mas- Segretarju Ezekuttiv sabiex flimkien jiddiskutu l-programm ta' hargiet u attivitajiet kulturali li qed jigu ppjanati ghal din is-sena. Is- Segretarju Ezekuttiv ma sab l-ebda ogezzjoni.

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.16. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li minhabba li l-Kunsillier A. Curmi ma setax jibghat ir-rapport tieghu qabel din is-seduta minhabba li d-dokumenti relatati ma' din l-iskeda kienu qed jigu awditjati mill-Awditu General, jkun jaqbel jekk dawn il-pagamenti jigu approvat ga la darba il-Kunsillier A.Curmi ma jisb l-ebda ogezzjoni dwar xi pagament. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Huwa pprezenta l-email li l-Kunsillier A. Curmi bghat lill-Kunsill sabiex jispjega r-raguni ghalfejn ma setax jattendi ghal din is-seduta. Din l-ispjegazzjoni se tkun aness ma' dawn il-minuti bhala App. C.

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 7.00pm

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu**

Mill-Vici Sindku

1. Amministrazzjoni ta' l-uzu ta' Tennis Court

   Il-Vici Sindku flimkien mas-Sindku nforma li hemm sebgha persuni nteressati li jamministraw l-uzu ta' tennis court. Il-Vici Sindku ppropona sistema professjonali u efficjenti sabiex tithadem minn naha ta' l-impjegati tal-Kunsill dwar kif wiehed ghandu jibbukja l-hin u d-data li jxitieq biex juza tennis court. Huwa nforma li fis-seduta li jmiss se jipprezenta rapport idettaljat b'aktar informazzjoni dwar din is-sistema.

Il-Kunsillier M. Abela talbet sabiex tigi skuzata. Il-hin kien 6.45pm.

Mill-Kunsillier M. Miceli

1. Il-Kunsillier rrefera ghall-applikazzjoni ta' zvillup gdid bir-referenza PA 00584/16 tal-villa ta' l-Onor. M. Frendo. Huwa staqsa sabiex issir kommunikat mal-periti halli dan il-Kunsill jkun infurmat sew x'se jsir ezatt minn din il-binja u x'hemm pjanat ezatt. Is- Sindku ha l-inkarigu li jaghmel il-kuntatti neccessarji sabiex jigi stabilit ezatt fiex jikkonsisti dan il-progett propost.

2. Il-Kunsill informa li l-Kunsill applika sabiex jkun *partner* fi progett ta' l-EU, iffinanzjat mill-EU li hi kordinatur tieghu se tkun belt mir-Rumanija. Il-Kunsillier nforma wkoll li partners ohrajn huma l-Italja, Spanja, Latvia u zewg lokalitajiet ohra mill-Ingilterra.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk sarux xi zvilluppi godda rigward il-kont li l-Kunsill huwa obbligat li jhallas lill-Perit Camilleri. Is- Sindku nforma li huwa ghaddej bl-ahhar tentattiv sabiex jipprova jnaqqas l-ammont ta' dan il-kont. Il-Kunsillier issugerixxa li dan il-kont ghandu jithallas mill-aktar fis peress li se jkomplu joghlew l-intressi.

2. Il-Kunsillier irraporta li qed jsir abbuz ta' parkegg kif ukoll abuzzi ta' sinjali ta' parkegg fi Triq il-Hemel. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li ghandu jsir appuntament mal-kuntrattur ikkoncernat sabiex din is-sistema tigi rregolata.

Il-Kunsillier M. Miceli talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 8.30pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV- ikompli**

2. Is- Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill, il-htiega li wahda mit-3 impjegati titla ghal skala 11 sabiex kontinwament tkun qed tghin lis-Segretarju Ezekuttiv fl-operat tal-Kunsill. Huwa nforma li din il-htiega ilha tinhass u ghaldaqstant huwa ppropona sabiex tinhareg sejha ta' vakanza ghal din il-kariga, l-ewwel internament. Wara diskuzzjoni fid-dettal, gie deciz li f'din is-sejha jkun hemm indikat b'mod car li din il-persuna, trid tkun kwalifakata fl-Accounts u tkun taf sew il-process ta' l-awditjar tal-Kunsilli kif ukoll familjari sew ma' l-operat tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

3. Huwa nforma li bhal kull sena, l-organizzazzjoni ta' l-ECAD, li dan il-Kunsill huwa membru attiv taghha, se torganizza konferenza annwali taghha f' Norway. Is-Sindku ppropona sabiex is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsillier M. Fava jattendu ghal din il-konferenza f'isem dan il-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Rigward il-laqgha annwali ghar-residenti, il-Kunsill idecieda li din issir nhar il-Hamis 7 ta' April 2016 fis-sala tal-Kunsill fis-7pm sabiex fiha r-residenti jkunu nfurmati bil-pjanijiet u l-estimi finanzjajrid li dan il-Kunsill ghandu ghal din is-sena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Gie deciz ukoll li fl-istess gurnata ghal habta tas-6.30pm, jkun hemm il-laqgha annwali ghar-residenti tal-Madliena.

5. Rigward il-Budget ghas-sena 2016, is- Segretarju Ezekuttiv nforma li nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2016 se jkollu laqgha ma' l-accountant tal-Kunsill sabiex flimkien jiddiskutu u jfasslu dan ir-rapport. Huwa nforma wkoll li hekk kif dan jkun ffinilzzat, se jintbaghat permezz ta' email lil kull kunsillier halli b'hekk nkunu nistghu nistabbilixxu wkoll d-data tas-Seduta li jmiss. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV- ikompli

6. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma dwar l-ahhar skema li tnediet mid-Dipartiment sabiex haddiema li qabel kienu ma' l-IPSL jinghtaw lir-Regjuni sabiex dawn iqassmuhom u jallokawhom fil-kunsilli rispettivi taghhom. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel li ssir talba sabiex dawn il-haddiem jkunu ghad-dizzpozzijoni tal-Kunsill sabiex dawn jkunu jistghu jahdmu fuq il-bankijiet li hawn mxerdin mal-lokalita' inkluz il-Madliena kif ukoll xoghol ta' zebgha fil-bini tal-Kunsill.

7. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li ricentament, huwa gie avvicinaat mill-kuntrattur ta' gbir ta'skart domestiku fejn dan infurmah li kull nhar ta'Hamis u Sibt qed ikollu izid it-tielet trakk biex jigbor l-iskart kollu li jinhareg f'dawn il-granet. Ghaldaqstant, din qed tinvolvi aktar spejjez ghall-kuntrattur u huwa gentilment qed jitlob kumpens ta' €210.00 ghal kull trakk jigifieri €420.00 ghal kull gimgha u f'sena €21,840.00. Wara diskuzzjoni, il-Kunsillier A. Chetcuti ha l-inkairgu li jivverfika mal-Wasterserv dwar dan it-tibdil u talab ukoll sabiex issir laqgha mal-kuntrattur ikkoncernat. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel din il-laqgha.

Din is-Seduta spiccat fid-9.00pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**